Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,173, 18 ta' April, 2019

Taqsima B

A.L. 81 tal-2019

ATT DWAR SOĊJETAJIET KOPERATIVI (KAP. 442)

Regolamenti tal-2019 li jemendaw il-Fond Ċentrali tal-Koperativi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija mill-artikolu 108 tal-Att dwar Soċjetajiet Koperativi, il-Ministru responsabbli għal koperativi għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2019 li jemendaw il-Fond Ċentrali tal-Koperativi u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-regolamenti dwar il-Fond Ċentrali tal-Koperativi, min hawn 'l quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S 442.03

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

"(a) Il-Kumitat għandu jikkonsisti minn ħdax-il membru li jivvotaw li għandu jkun magħmul minn sitt membri indipendenti maħturin mill-Ministru, żewġ membri kull wieħed minn fost il-membri taż-żewġ organizzazzjonijiet ewlenin, eliġibbli u rikonoxxuti u membru wieħed nominat bil-kunsens konunt taż-żewġ organizzazzjonijiet ewlenin, eliġibbli u rikonoxxuti:

Iżda fil-kaz illi l-membru wieħed nominat bil-kunsens konġunt taż-żewġ organizzazzjonijiet ewlenin u eliġibbli u rikonoxxuti ma jiġix innominat fi żmien sena kalendarja minn talba magħmula mill-Ministru, għalhekk, il-Ministru għandu jiddeċiedi fid-diskrezzjoni tiegħu dwar il-ħatra ta' dan il-membru:";

(ii) fil-paragrafu (e) tiegħu l-kliem "It-tliet membri maħtura b'maġġoranza ta' voti minn fost membri ta' soċjetajiet koperativi reġistrati u ż-żewġ membri maħtura minn fost membri tal-organizzazzjonijiet eliġibbli u reġistrati għandhom" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem, "Fil-każ tal-membri kollha mhux maħtura mill-Ministru, dawn għandhom";

(iii) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi mħassar; u

(iv) is-subregolamenti (4) sa (10) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subregolamenti (3) sa (9) rispettivament.

3. Ir-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit kif ġej:

"**14.** (1) Skont ir-regolament 13(1) (a) u (b), kwalunkwe soċjetà koperattiva eliġibbli jew organizzazzjoni rikonoxxuta eliġibbli li tapplika għall-aċċess għall-fondi għandha tkun f'konformità ma' dan kollu li ġej:

(a) kopja tal-aħħar rapporti finanzjarji tal-koperattiva; u

(b) lista tal-membri, in-numri tal-karta tal-identità, l-indirizzi u l-indirizzi elettroniċi tagħhom; u

(ċ) lista tal-membri tal-kumitat eletti; u

(d) lista ta' dawk li attendew l-aħħar Laqgħa Ġenerali Annwali jew dikjarazzjoni mill-kumitat li l-Laqgħa Ġenerali Annwali ġiet imsejħa u miżmuma skont il-leġiżlazzjoni u l-istatut tal-koperattiva; u

(e) is-soċjetà' koperattiva għandha tkun għamlet kontribuzzjoni minima ta' mitejn u ħamsin euro (€250) tal-aħħar tliet snin finanzjarji kif determinat mid-dikjarazzjonijiet finanzjarji verifikati ppreżentati lill-Kumitat; u

(f) id-dikjarazzjonijiet finanzjarji modifikati tas-sentejn finanzjarji ta' qabel tas-soċjetajiet koperativi u tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti m'għandhomx ikunu kkwalifikati serjament mis-soċjetajiet koperativi jew mill-awditur tal-organizzazzjoni.

(2) Dawn li ġejjin għandhom jiġu eżentati milli jkunu konformi mal-ħtiġiet tar-regolament 14(1):

(a) koperattiva ġdida bi tliet snin jew inqas ta' operazzjonijiet finanzjarji;

(b) koperattiva għall-benefiċċju soċjali jew komunitarju li hija intrapriża soċjali.

(3) Il-ħtiġiet tar-regolament 14(2) jista jiġi rivedut kull tliet snin kalendarji mill-Bord".

Jissostitwixxi r-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit kif ġej:

"16. (1) Il-finanzjament għandu jitqassam mill-Kumitat, suġġett għad-disponibbiltà, skont l-istruttura li ġejja:

(a) is-somma ekwivalenti għal tlieta u nofs fil-mija tal-ħamsa fil-mija *dividend* imħallas tas-sehem kapitali ikkontribwiet matul is-sena preċedenti għandha tingħata liż-żewġ organizzazzjonijiet ewlenin, rikonoxxuti u eliġibbli għall-finanzjament, l-amministrazzjoni u l-forniment ta' servizzi lill-membri tal-organizzazzjonijiet;

(b) is-somma ekwivalenti għal wieħed u nofs fil-mija ta' ħamsa fil-mija *dividend* imħallas tas-sehem kapitali ikkontribwit matul is-sena preċedenti għandha wkoll tingħata:

(i) lis-soċjetajiet membri taż-żewġ organizzazzjonijiet ewlenin, rikonoxxuti u eliġibbli;

(ii) lil koperativi mhux membri jew affiljati maż-żewġ organizzazzjonijiet ewlenin, rikonoxxuti u eliġibbli;

(iii) għal proposti ppreżentati b'mod konġunt miż-żewġ organizzazzjonijiet ewlenin u rikonoxxuti; u

(iv) lil dawk eliġibbli għall-finanzjament skont ir-regolament 13.

(2) Il-Kumitat għandu jagħmel il-fondi disponibbli liż-żewġ organizzazzjonijiet ewlenin, rikonoxxuti u eleġibbli fir-regolament 16(1)(a):

(a) wara l-approvazzjoni tal-maġġoranza tal-baġit annwali mbassar tas-sena ta' wara li għandu jkun provdut lill-Kumitat sa mhux aktar tard minn Ottubru tas-sena preċedenti;

(b) wara l-approvazzjoni tal-maġġoranza tal-baġit, il-Kumitat għandu jittrasferixxi l-fondi għas-sena li ġejja sa mhux aktar tard mis-seba' jum ta' Jannar.".

Jissostitwixxi l-Iskeda tar-regolamenti prinċipali.

5. L-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita kif ġej:

"**SKEDA**
(Regolament 17)
Kodiċi ta' Etika

1. Prinċipji

1.1 Il-kumitat u l-membri tiegħu għandhom jieħdu bħala l-ispirazzjoni u l-aspirazzjoni tagħhom, il-Valuri u l-Prinċipji tal-Alleanza Koperattiva Internazzjonali kif riprodott fl-aħħar ta' dan il-Kodiċi. Ix-xogħol tal-kumitat hu ddedikat biex itejjeb l-impatt koperativ fuq l-ekonomija Maltija u jgħin biex jipprovdi ekonomija nazzjonali pluralistika u diversa sostenibbli.

1.2 Il-Kumitat u l-membri tiegħu għandhom jirregolaw skont l-ogħla standard ta' integrità, onestà, lealtà, kunfidenzjalità, impenn trasparenti, kontabilità u professjonalità, u b'mod li jittratta lill-partijiet interessati kollha b'mod imparzjali, b'mod ekwu u fil-pront.

1.3 Mingħajr preġudizzju għall-Kostituzzjoni jew fejn xi liġi oħra tipprovdi mod ieħor, il-Kumitat u l-membri tiegħu għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet tagħhom huma ispirati minn lealtà lejn il-Kumitat u l-partijiet interessati kollha. Dan huwa b'mod partikolari importanti peress li dan il-Kumitat huwa responsabbli għad-distribuzzjoni ta' fondi li ġew sottoskritti b'imposta preskritta mill-Gvern fuq il-bilanċi żejda tal-koperativi ta' suċċess. Għaldaqstant, il-membri tal-Kumitat għandhom ir-responsabbiltà fundamentali mhux biss għall-Gvern iżda wkoll għall koperativi u l-membri individwali tagħhom, kif ukoll għall-pubbliku ġenerali.

1.4 Il-Kumitat u l-membri tiegħu għandhom jiżguraw li l-membri tagħhom jimpenjaw ruħhom għal deċiżjonijiet li mhux biss huma ekonomikament effettivi u effiċċjenti iżda li huma wkoll soċjalment responsabbli skont il-filosofija ta' intrapriżi koperativi li huma proprjetà demokratika.

1.5 Il-Kumitat u l-membri tiegħu huma mistennija li jipprovdu pariri imparzjali u preċiżi lill-Gvern tal-ġurnata.

2. Dmir fiduċjarju u dmir ta' ħarsien

2.1 Li tkun membru tal-Kumitat iġib miegħu impenn biex iwettaq id-dmirijiet u r-responsabbilitajiet kollha meħtieġa li għandhom jitwettqu mill-Kumitat. Il-Kumitat u l-membri tiegħu għandhom kemm dmir fiduċjarju kif ukoll dmir ta' ħarsien lejn il-Kumitat u l-persuni li huma jservu.

2.2 Id-dmir fiduċjarju jirreferi għall-kunċetti tal-lealtà, onestà u evitar ta' kunflitti ta' interess, kunfidenzjalità, u jaġixxi *bona fide* u fl-interess tas-settur tal-koperativi u l-membri tiegħu kif ukoll li jintlaħqu l-istandards għoljin mistennija mill-pubbliku ġenerali.

2.3 Id-dmir tal-kura jirrelata mal-eżerċizzju tal-kura, mad-diliġenza u mal-ħila li tagħmel ix-xogħol kif suppost eż;

- Jattendi kull laqgħa tal-bord u ta' kwalunkwe kumitat jew sottokumitat tal-bord li hu ġie maħtur fih, sakemm ma jkunx hemm raġuni evitabbli għan-nuqqas ta' attendenza, f'liema każ il-Membru għandu jinnotifika lill-President dwar dan.

- Jipprepara sew għal kull laqgħa billi jaqra xi dokumenti mibgħuta għall-iskop tal-laqgħa, minn qabel.

- Jasal fil-ħin għal kull laqgħa preparat bis-sħiħ u kapaċi jieħu sehem f'diskussjonijiet u fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

2.4 Bħala l-aġenti tal-Kumitat, il-Kumitat u l-Membri tiegħu għandhom jużaw id-diskrezzjoni tagħhom sabiex jaċċertaw li d-deċiżjonijiet huma meħuda fil-politiki, fil-parametri u fil-prijoritajiet skont l-għanijiet tal-Kumitat u l-Valuri u l-Prinċipji tal-Alleanza Koperattiva Internazzjonali. B'mod partikolari, id-deċiżjonijiet qatt m'għandhom jittieħdu għal xi skop kollaterali u lanqas għal interess personali.

3. Konformità mal-Liġi

3.1 Kull membru tal-Kumitat għandu jifhem u jirrispetta d-dmirijiet u responsabbiltajiet legali tiegħu. Il-Kumitat u l-membri tiegħu għandhom jiżguraw li individwalment u kollettivament bħala Kumitat, u l-Kumitat, jaġixxu f'konformità kompleta mal-kontenut u l-ispirtu tal-leġiżlazzjoni relevanti kollha.

3.2 Il-Kumitat u l-membri tiegħu għandhom jiżguraw li jikkommettu lilhom infushom u lill-Kumitat li jaġixxu b'mod etiku u legalment il-ħin kollu. Huma għandhom jevitaw sitwazzjonijiet li jistgħu ma jitqiesu li ma jkunux xierqa. Il-Kumitat u l-membri tiegħu għandhom ikunu familjari mal-leġislazzjoni rilevanti u r-regolamenti fis-seħħ, u huma mistennija li jirrikorru għal parir professjonali meta jkunu fid-dubju. Huma għandhom ukoll jiżguraw li r-rekords tal-Kumitat huma preċiżi u veri.

4. Korrettezza, Ekwità u *standards* ta' mġiba

4.1 Minbarra li jaqdu d-dmirijiet legali tagħhom, il-membri huma mistennija li juru *standards* għoljin ta' mġiba fit-twettiq tar-responsabbiltajiet tagħhom. Dan hu neċessarju sabiex il-Kumitat ikun jista' jaħdem kif suppost biex ikun jista' jagħmel il-parti tiegħu b'mod xieraq fil-governanza ġenerali tal-Fond Ċentrali tal-Koperativi, u li l-isem tajjeb u r-reputazzjoni tal-Fond Ċentrali tal-Koperativi jinżammu.

4.2 Il-membri għandhom josservaw dawn l-i*standards* ġenerali li ġejjin:

- Il-membri għandhom iwettqu kwalunkwe dmir assoċjat mal-pożizzjonijiet tagħhom b'mod diliġenti, imparzjali u kuxjenzjuż bl-aħjar mod li jistgħu.

- Fit-trattati tagħhom ma' xulxin, mal-uffiċjali tal-Kumitat, u mal-konsulenti professjonali tagħhom, il-membri għandhom jittrattaw lin-nies b'mod politiku, ġust, u b'dinjità u rispett.

- Il-Kumitat u l-membri tiegħu għandhom jużguraw li l-Kumitat tagħhom jitratta kwistjonijiet jew każijiet b'konsistenza, prontezza u korrettezza. Dan jinvolvi t-trattament ta' kwistjonijiet skont il-proċeduri approvati malajr u mingħajr diskriminazzjoni għal kwalunkwe raġuni. Kull membru tal-Kumitat għandu l-obbligu li jitratta kull kwistjoni b'mod raġonevoli u bil-ħsieb li jissodisfa l-prinċipji tal-ġustizzja naturali.

- F'okkażjonijiet pubbliċi u fin-negozju tal-Fond Ċentrali tal-Koperativi kollha, il-membri għandhom iġibu ruħhom b'integrità b'mod li jkun xieraq għal membru tat-tali organizzazzjoni. Il-membru m'għandux iġib il-Fond Ċentrali tal-Koperativi f'tilwima jew jippreġudika l-pożizzjoni ġenerali tagħha bl-ebda mod.

- Il-membri għandhom jaġixxu b'tali mod li juru t-twemmin tagħhom fil-Valuri u l-Prinċipji u l-pożizzjoni etika tal-moviment koperattiv madwar id-dinja u għandhom iġibu ruħhom b'tali mod li ma jpoġġux f'dubju dan it-twemmin jew jippreġudikaw il-pożizzjoni ġenerali tal-koperazzjoni bi kwalunkwe mod.

4.3 Il-membri tal-Kumitat għandhom jitrattaw il-laqgħat tal-Kumitat bħala okkażjonijiet formali u għandhom:

- jaċċettaw l-awtorità taċ-*Chairperson* ta' kwalunkwe laqgħa, waqt li jesprimi l-mistoqsijiet u l-opinjonijiet kollha permezz taċ-*Chairperson.*

- jisimgħu l-opinjonijiet ta' membri oħra b'moħħ miftuħ, ifittxu parir jew kjarifika fejn meħtieġ, jesprimu l-opinjonijiet tagħhom, u jaslu għad-deċiżjonijiet tagħhom dwar kwistjonijiet individwali *bona fide* f'dak li jemmnu li hu fl-aħjar interessi tal-Fond Ċentrali tal-Koperativi u l-objettivi tagħhom, filwaqt li jqisu l-fatturi relevanti u jinjoraw fatturi irrelevanti.

- jaċċettaw deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat skont il-liġi u d-dokument li jirregola l-Fond Ċentrali tal-Koperativi, anki jekk hu jew hi ma jaqblux miegħu, u jivvutaw kontrih jekk jittieħed vot. Dan jinkludi impenn biex jappoġġjaw kwalunkwe deċiżjoni tal-Kumitat barra mil-laqgħat tal-Kumitat.

- ma jirrikorrux għal imġiba li tista' tiġi kkunsidrata bħala aggressiva jew ta' intimidazzjoni;

- ma jwettqux favoritiżmu, ħbiberija żejda jew nepotiżmu;

- iżommu l-aġenda, iqajmu kwistjonijiet oħra taħt "kwalunkwe qasam ieħor" skont il-proċeduri miftiehma, u ma jidħolx f'diskussjonijiet matul il-laqgħa li mhumiex relevanti għall-kwistjonijiet tal-laqgħa;-ma jippreżentawx informazzjoni qarrieqa jew iġibu ruħhom b'mod iddisinjat biex jiżgwida lill-bord.

5. Kumment pubbliku u kunfidenzjalità

5.1 Il-Kumitat u l-membri tiegħu għandhom id-dritt li jagħmlu kumment pubbliku u jidħlu f'dibattitu pubbliku fuq materji politiċi u kwistjonijiet soċjali. Iżda li dik l-azzjoni ma ġġibhomx f'kunflitt b'xi mod mad-dmirijiet primarji

tagħhom.

5.2 Il-membri tal-kumitat għandhom jittrattaw l-informazzjoni kollha li jirċievu fil-kapaċità tagħhom bħala membri, u d-diskussjonijiet kollha fil-laqgħat tal-Kumitat bħala kunfidenzjali.

5.3 Il-Membri għandhom josservaw l-obbligi ta kunfidenzjalità li ġejjin:

- Ma jiżvelaw l-ebda informazzjoni barra l-laqgħat tal-Kumitat sakemm ma tkunx diġà fid-dominju pubbliku, jew huma speċifikament awtorizzati mill-Kumitat biex jagħmlu dan, jew jekk meħtieġ li jagħmel hekk mill-liġi. Din tinkludi informazzjoni dwar in-negozju diskuss quddiem il-Kumitat, id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat sabiex jittieħdu deċiżjonijiet, u l-mod ta kif membri individwali ivvotaw fuq kwistjonijiet.

- Ma jużaw l-ebda informazzjoni għall-vantaġġ personali, jew għall-vantaġġ familjari, amiċizja, sħab, jew negozju u assoċjazzjonijiet oħra.

- Ma jgħaddux informazzjoni lir-rappreżentanti tal-istampa jew tal-midja, u jirreferu kull mistoqsijiet mill-istampa jew midja liċ-*Chairperson*.

- Ma jagħmlu ebda fotokopji mhux awtorizzati ta' kwalunkwe dokumenti.

- Jieħdu ħsieb sew kwalunkwe dokument li jirċievu bħala membri, u jerfgħu u jiddisponu minnhom sew.

5.4 Il-Kumitat u l-membri tiegħu għandhom jiżguraw li l-Kumitat japplika l-ogħla *standards* ta' ġestjoni: jiżguraw kontabilitwà bil-ħtieġa li kulħadd ikun responsabbli ta' għemilu, jaċċertaw trasparenza fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjoni sabiex jikkultivaw fiduċja, u jintegraw u jnisslu l-elementi kollha ta' governanza tajba fil-kultura tal-Kumitat.

6. Kunflitti ta' interess

6.1 Kunflitt ta' interess li jirriżulta minn sitwazzjoni fejn il-Kumitat u l-membri tiegħu jużaw posthom għall-benefiċċju tagħhom stess, ta' ħbiebhom jew tal-familja jew persuni assoċjati mal-isforzi ta' xogħolhom.

6.2 Il-Kumitat u l-membri tiegħu m'għandhomx jużaw il-pożizzjoni tagħhom biex jippromwovu l-interessi tagħhom, interessi ta' persuni relatati, sħab tan-negozju, korporazzjonijiet, *unions*, sħubijiet u ħbieb.

6.3 Il-Kumitat u l-membri tiegħu m'għandhomx jieħdu vantaġġ mit-transazzjonijiet u opportunitajiet tal-Kumitat jew jitolbu lil klijenti għall-interessi tan-negozju tagħhom, ta' sħabhom, xogħolhom, ħbiebhom jew tal-familja.

6.4 Il-Kumitat u l-membri tiegħu m'għandhomx jevitaw biss sitwazzjonijiet li jistgħu jwasslu għal kunflitt ta' interess, u għandhom jiżvelaw lil-Kumitat u liċ-*Chairperson* bil-miktub kwalunkwe sitwazzjoni fejn hemm ipperċepit jew hemm riskju potenzjali li jista jagħti lok għal kunflitt ta interess.

6.5 Fil-każ li xi membru tal-Kumitat jiddikjara illi iċ-*Chairperson* jew kwalunkwe membru ieħor għandu kunflitt ta interess, iċ-*Chairperson* irid jinnotifika lill-Ministru b'din it-talba.

6.6 Iċ-*Chairperson* għandu jiżvela totalment bil-miktub lill-Ministru is-sitwazzjonijiet kollha u ċ-ċirkostanzi li jistgħu iwasslu għal konflitt ta' interess. Huwa għandu jitlob il-parir tal-Ministru f'dawk il-materji imma bħala minimu, m'għandux jipparteċipa f'laqgħat jew ikollu aċċess għad-dokumenti relattivi.

6.7 Bl-istess mod il-Kumitat u l-membri tiegħu għandhom jiżvelaw totalment bil-miktub liċ-*Chairperson* u lill-Kumitat, is-sitwazzjonijiet u ċ-ċirkostanzi li jistgħu jwasslu għal kunflitt ta' interessi. Dak il-membru għandu jirtira huwa stess mil-laqgħa meta l-oġġett relevanti jigi diskuss u mgħandux ikollu aċċess għal kwalunkwe dokument relevanti għall-oggett konfliġġenti.

6.8 Il-Kumitat u l-membri tiegħu huma obbligati li jirrifjutaw totalment u immedjatament kwalunkwe pressjoni żejda li tinġieb fuqhom sabiex tinfluwenza l-atteġġjament jew deċiżjonijiet u għandhom jiżvelaw każijiet bħal dawn liċ-*Chairperson* u l-Kumitat għandhom jiddeċiedu dwar l-iżjed azzjoni xierqa fiċ-ċirkostanzi, u jieħdu f'konsiderazzjoni li jiżvelaw il-materja lil u jitolbu parir mill-Ministru responsabbli.

6.9 Iċ-*Chairperson* għandu jżomm reġistru ta' interessi tal-membri li għandu jkun miftuħ għall-ispezzjoni mill-membri.

7. Divertiment, rigali u favuri

7.1 Membri tal-Kumitat m'għandhomx, fil-kapaċità ta' Membri tal-Kumitat (jew dak ipperċepit bħala l-kapaċità bħala membru) jaċċettaw mingħand jew jagħtu lil xi persuni jew organizzazzjoni kwalunkwe ospitalità, rigal jew benefiċċju ieħor.

7.2 Il-Kumitat u l-membri tiegħu, qraba u ħbieb m'għandhomx jaċċettaw divertiment, rigali, benefiċċji jew favuri li jistgħu jwasslu jew li jistgħu joħolqu pożizzjonijiet favorevoli waqt it-twettiq tax-xogħol mal-Kumitat jew jiddevjaw mill-kors xieraq tad-dover. Dawk il-benefiċċji għandhom jinkludu l-irċevuta ta' flus kontanti, self, garanziji jew kummissjonijiet.

7.3 Il-Kumitat u l-membri tiegħu m'għandhomx joffru divertiment, rigali, benefiċċji jew favuri fl-irwol tagħhom bħala membri tal-Kumitat biex jitolbu trattament preferenzjali għalihom infushom, il-familji tagħhom jew ħbieb, jew il-Kumitat.

7.4 Kumitati jvarjaw fil-politika tagħhom meta jiġu aċċettati rigali u benefiċċji skont in-natura tan-negozju tagħhom. Huwa mistenni, madankollu, li rigali jew benefiċċji jistgħu jiġu aċċettati, eżempju oggetti rħas (ta' inqas minn €20 fil-valur) bħal kalendarji b'xejn jistgħu jiġu aċċettati f'ċirkostanzi approvati miċ-*Chairperson* u l-Kumitat.

8. Akkwisti Pubbliċi

8.1 Il-prattiċi kollha tal-akkwist pubbliku, inkluż it-tfassil tal-proċeduri għal offerti, il-Kumitat u l-membri tiegħu għandhom iżommu f'moħħhom li l-ispiża involuta hija magħmula minn fondi tal-koperattiva u fondi pubbliċi. L-ogħla livell possibbli ta' kontabbilità u trasparenza għandu jkun rifless fi kwalunkwe stadju tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjoni dwar akkwist pubbliku.

8.2 Il-Kumitat u l-membri tiegħu għandhom jiżguraw li jintlaħaq l-aħjar valur ta' flus fit-tfassil tal-ispeċifikazzjonijiet u l-kundizzjonijiet tal-akkwist pubbliku u fl-aġġudikazzjoni tal-offerta jew offerti.

8.3 L-organizzazjoni rikonoxxuta għandha tkun obbligata li tosserva il-prattiċi tal-akkwist pubbliku (minkejja r-regolament 17 iżda għandu josserva l-prattika tajba kummerċjali.

9. Użu tal-proprjetà tal-Kumitat

9.1 Il-Kumitat u l-membri tiegħu huma mistennija li jkunu effiċjenti u ekonomiċi fl-użu u l-ġestjoni tar-riżorsi tal-Kumitat. Huma meħtieġa wkoll li jużaw il-proprjetà u s-servizzi tal-organizzazzjoni b'mod kuxxenzjuż, u għandhom id-dmir li jevitaw l-abbuż tagħhom minn partijiet oħra.

9.2 Il-Kumitat u l-membri tiegħu huma meħtieġa li jitolbu l-approvazzjoni taċ-*Chairperson* u tal-Kumitat sabiex jużaw il-proprjetà tal-Kumitat għal kwalunkwe għan li ma jkunx jirrigwarda x-xogħol tal-Kumitati.

10. Interessi kummerċjali, impjieg u assoċjazzjonijiet barra mill-Kumitat

10.1 Fiż-żmien li tkun saret il-ħatra l-Kumitat u l-membri nominati tiegħu għandhom jiddikjaraw bil-miktub kwalunkwe interess ta' negozju ieħor, investimenti, pożizzjonijiet ta' impjieg jew assoċjazzjonijiet li jistgħu potenzjalment iwasslu għal kunflitti ta' interess.

10.2 Membru tal-Kumitat għandu d-dmir li jinnotifika liċ-*Chairperson* u l-Kumitat bil-miktub jekk, matul is-sħubija tiegħu fil-Kumitat il-pożizzjoni tiegħu kif irrapportat fil-paragrafu 9.1 fuq tinbidel. Reviżjoni annwali għandha titmexxa mill-uffiċjali tal-Kumitat.

10.3 Il-Kumitat u l-membri tiegħu għandhom jaġixxu u jġibu ruħhom fl-aqwa interessi tal-Kumitat irrispettivament minn kwalunkwe attività oħra barranija.

11. Relazzjonijiet ma' partijiet interessati

11.1 Ir-relazzjoni mal-partijiet interessati qiegħda fil-qalba tal-governanza korporattiva. Il-Kumitat u l-membri tiegħu għandhom jesibixxu kawtela u diliġenza waqt li jkunu qegħdin jittrattaw ma' diversi partijiet interessati, jaġixxu *bona fide* u b'korretezza fir-rapport li jkollhom magħhom.

11.2 Ir-relazzjoni bejn il-Ministru u l-Kumitat hija waħda kumplessa. Il-Ministru hu responsabbli lejn il-Gvern kif

ukoll lejn il-Parlament u għandu jitkellem kemm ma' u għan-nom tal-Kumitat. Iċ-*Chairperson* u l-Kumitat għandhom jiżguraw li l-Ministru huwa pprovdut bl-aqwa informazzjoni possibbli dwar id-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet tal-Kumitat.

11.3 Ir-relazzjoni bejn il-Kumitat u l-koperativi u membri individwali tagħhom hija waħda kumplessa. Il-membri għandhom ikollhom ftehim profond u bir-reqqa tan-natura distinta ta' intrapriża koperativa. Partikolarment ir-rwol fundamentali tagħha biex 'tilħaq il-ħtieġa tal-membri tagħha u mhux biss biex timmassimizza l-profitti fejn dan jista' jkun ta' detriment ta' xi membru individwali. Membri eletti jew maħtura tal-Kumitat għandhom ikunu partikolarment diliġenti sabiex jirrikonoxxu d-dmir fiduċjarju lill-Kumitat u li jevitaw pressjoni biex jaċċettaw mandati għal azzjoni mill- assoċjazzjonijiet tagħhom.

12. Ksur ta' dan il-kodiċi

12.1 Il-Kumitat għandu jiżgura li qed jaġġixxi u jidher li qed jaġixxi b'mod etiku.

12.2 Il-Kumitat u l-membri tiegħu għandhom jaderixxu mal-istandards deskritti f'dan il-Kodiċi ta' Etika. Fit-twettiq ta' dan, kull membru tal-kumitat għandu jirrevedi u jiddikjara l-aderenza mal-Kodiċi ta' Etika malli jkun nominat.

12.3 Iċ-*Chairperson* huwa responsabbli li jiżgura li dan il-Kodiċi ta' Etika jiġi osservat mill-Kumitat u l-membri. Membri li jinstabu ħatja ta' ksur tal-Kodiċi tal- Etika jiġu ċċensurati u ssir r-rakkomandazzjoni għat-tkeċċija tagħhom mill-kariga. Iċ-*Chairperson* għandu jiżgura li kull ksur jiġi rappurtat lill-Ministru responsabbli minnufih wara li jkun ġie għall-attenzjoni tiegħu.

13. **Dikjarazzjoni** (*li għandha tiġi mimlija u ffirmata minn kull membru tal-Kumitat qabel ma jingħata l-ħatra fil-Kumitat)*.

Jien (*isem u kunjom*), ...

Numru tal-Karta tal-Identità ....., niddikjara li qrajt u fhimt dan il-Kodiċi ta' Etika għall-Kumitat u għall-membri tiegħu, u naqbel li naġixxi skont dan il-Kodiċi.

Firma .....

Data .....".